Australian Government

Department of Health

**Nipproteġu l-komunità mill-Coronavirus (COVID-19)**

Hekk kif nersqu lejn l-għajxien COVIDSafe, huwa importanti li tibqa' d-ar jekk ma tiflaħx. Jekk għandek sintomi bħall dawk ta' riħ jew dawk tal-influwenza, int għandek tfittex parir mediku jekk għandekx tagħmel test għal COVID-19. Nies b'sintomi ħfief xorta waħda jistgħu ixerdu l-virus.

**Ittestjar għal COVID-19**

L-ittestjar jidentifika jekk il-pazjenti għandhomx COVID-19 u jgħin lill-awtoritajiet tas-saħħa jittraċċaw it-tixrid tal-virus.

Dijanjosi bikrija tfisser li tista' tieħu passi biex tevita li l-virus jinxtered ma' sħabek jew membri tal-familja tiegħek. Jekk għandek deni, sogħla, uġigħ fil-griżmejn jew qtugħ ta' nifs, huwa importanti li tkun ittestjat.

L-ittestjar huwa saħansitra iktar importanti jekk ma tiflaħx u:

- reċentement wasalt lura fl-Awstralja minn barran. Il-vjaġġaturi kollha se jkunu kwarantina għal 14-il jum mal-wasla fl-Awstralja;
- ġejt f'kuntatt mill-qrib ma' xi ħadd iddijanjostikat b'COVID-19 fl-aħħar 14-il ġurnata;
- inti ħaddiem tal-kura tas-saħħa, tal-kura tal-anzjani jew ħaddiem tal-kura residenzjali jew membru tal-istaff b'kuntatt dirett mal-pazjent.

**Fejn nista' niġi ttestjat?**

Tista' tikkuntattja lit-tabib tiegħek biex tmur għal test jew tista' tmur fi klinika respiratorja. Jekk iżżur it-tabib tiegħek, huwa importanti li l-ewwel tikkuntattja l-klinika u għidilhom x'inhuma s-sintomi tiegħek. Dan jgħinhom iħejju għall-wasla tiegħek u jipproteġu nies oħra fil-klinika.

Il-kliniċi respiratorji huma ċentri tas-saħħa madwar il-pajjiż li jiffokaw fuq l-ittestjar ta' nies b'sintomi ta' infezzjoni respiratorja akuta. Biex issib klinika respiratorja ħdejk, żur www.health.gov.au/covid19-clinics.. L-istat jew it-territorju tiegħek jista’ jkollu kliniċi ekstra fejn tista’ tiġi ttestjata. Tista' ssibhom permezz ta' websajts tas-saħħa tal-istat jew tat-territorju tiegħek.

Jekk tkun ittestjat għall-virus, għandek bżonn tibqa' d-dar u tevita kuntatt ma' nies oħra. Jista' jdum ġurnata jew tnejn biex ir-riżultati tat-test tiegħek jerġgħu lura.

Jekk ikollok sintomi serji bħal diffikultà biex tieħu n-nifs, inti għandek iċċempel 000 għal attenzjoni medika urġenti.

**Tgħin biex titwaqqaf it-tixrid**

Biex nipproteġu l-komunitajiet tagħna, kulħadd għandu jkompli jipprattika distanzjar fiżiku u iġjene tajba. Kun żgur li toqgħod 1.5 metri 'l bogħod minn nies oħra u tibqa' d-dar jekk ma tiflaħx. Aħsel idejk bis-sapun u bl-ilma u isgħol jew agħtas fid-driegħ tiegħek. Aħna lkoll nistgħu nagħmlu l-parti tagħna biex ngħinu it-twaqqif tat-tixrid ta' COVID-19.

**Niżżel l-App COVIDSafe**

Jekk għadek m'għamiltx dan, niżżel l-app COVIDSafe biex tgħin tipproteġi lill-familja, il-ħbieb u l-komunità tiegħek. L-app tappoġġja uffiċjali tas-saħħa pubblika biex jinnotifikaw lill-persuni li ġew f'kuntatt ma' xi ħadd bil-coronavirus.

**Aktar informazzjoni dwar COVID-19**

Huwa importanti li tibqa' infurmat permezz ta' sorsi uffiċjali. Żur www.australia.gov.au, ċempel il-Linja Telefonika tal-Għajnuna tal-Coronavirus fuq 1800 020 080 jew is-servizz tat-traduzzjoni u l-interpretar fuq 131 450.